MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1182/2003

**Malta Drydocks**
**Vs**
**Il-Bastiment GARYOUNIS**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi l-korporazzoni attrici tinsab kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta' zewg miljuni, tmin mija u sbatax-il elf, sitt mija u sebgha u sittin dollaru amerikan (US$ 2,817,667) ekwivalenti ghal miljun u sitta u erbghin efl tmin mija u sitta u sebghen lira maltin (LM 1,046,876) valur ta' fornituri, xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija fuq l-istess vapur Garyounis fuq inkarigu tal-proprjetarji u l-operaturi u tar-rapprezentant tal-bastiment, kif jidhru dettaljati fl-invoices annessi u markati Dokument A1 sa A80.

Illi minkejja li l-fatturi ilhom xhur li ntbaghatu lir-rapprezentant tal-bastiment u lill-proprjetarji tieghu, dawn baqghu ma gewx imhallsa minkejja diversi interpellanzi.

Jghid l-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tikkundannah ihhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' zewg miljuni, tmin mija u sbatax-il elf, sitt mija u sebgha u sittin dollaru amerikan (US$ 2,817,667) ekwivalenti ghal miljun u sitta u erbghin elf, tmin mija u sitta u sebghen lira maltin (LM 1,046, 876) valur ta' fornituri, xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija fuq il-vapur Garyounis kif fuq spjegat.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' impediment ta' tluq ta' Bastiment u ta' Qbid prezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat ta' tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax legali kif mitlub; u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------